Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,317, 20 ta' Settembru, 2024
Taqsima B

A.L. 231 tal-2024

ATT DWAR IL-KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI (KAP. 431)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bord Nazzjonali tal-Produttività

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 15 tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, il-Ministru responsabbli għad-djalogu soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bord Nazzjonali tal-Produttività u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Bord Nazzjonali tal-Produttività, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 431.03.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "Il-Bord għandu jkun magħmul minn ħdax-il (11) membru li jkunu magħmula miċ-*Chairperson* msemmi fil-paragrafu (a) u għaxar membri oħra li għandhom jiġu maħtura mill-Prim Ministru, kif ġej:" tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Il-Bord għandu jkun magħmul minn tnax (12)-il membru li għandu jikkonsisti miċ-Chairperson kif imsemmi fil-paragrafu (a) u ħdax (11)-il membru ieħor li għandhom jiġu maħtura mill-Prim Ministru, kif ġej:"; u

(ii) fil-paragrafu (e) tiegħu, il-kelma "fil-Kunsill." għandha tiġi sostitwita bil-kelma "fil-Kunsill;" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) uffiċjal anzjan nominat mill-Ministru responsabbli għall-ekonomija.";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "skont is-subregolament (1)(b) sa (e)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont is-subregolament (1)(b) sa (f)"; u

(ċ) fis-subregolament (5) tiegħu, il-kliem "skont is-subregolament (1)(b) sa (e)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont is-subregolament (1)(b) sa (f)".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "skont ir-regolament 6(1)(b) sa (e)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont ir-regolament 6(1)(b) sa (f)".